# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 21**

**Rikors numru 224/22/1 FDP**

**Amer Abdelrazek**

**v.**

**L-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Amer Abdelrazek kontra s-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Jannar, 2023, fejn laqgħat l-ewwel żewġ (2) eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u ddikjarat li l-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur kif ukoll li l-azzjoni odjerna ppreżentata mill-attur hija *fuori termine* għax ġiet intavolata wara l-perjodu ta' sitt (6) xhur kif stabbilit

f'**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-14 ta' Marzu, 2022, l-attur fisser illi huwa kien qiegħed jirrisjedi Malta abbażi ta' *status* ta' protezzjoni sussidjarja mogħtija lilu skont deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati fit-30 ta' Lulju, 2014. Jingħad li dan l-i*status* baqa' jiġi mġedded minn sena għal sena mill-Aġenzija konvenuta bla problemi ta' xejn.

3. Madankollu, fid-9 ta' Ġunju, 2021, l-attur jgħid li rċieva korrispondenza u rapport, it-tnejn imħejjija mill-imsemmija Aġenzija, fejn infurmawh li abbażi ta' informazzjoni mogħtija lilhom mill-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta, l-i*status* ta' protezzjoni sussidjarja tiegħu kien qed jiġi rtirat minħabba li *«the Maltese authorities were informed that you were convicted of life imprisonment in case no. 7705/2010 for drug trafficking offences in Egypt. You are also known to the Maltese authorities as having been involved with serious organized groups dealing in fuel and contraband smuggling.»* L-attur jispjega li huwa appella minn din id-deċiżjoni, iżda dan l-appell ġie miċħud mit-Tribunal kompetenti peress li skont l-istess Tribunal, l-appell ġie ppreżentat tardivament.

4. L-attur jispjega illi huwa qatt ma ħeba din l-informazzjoni mill-

Aġenzija konvenuta, anzi jgħid illi din l-informazzjoni ssemmiet bosta drabi matul il-proċeduri sabiex huwa kiseb l-istat ta' protezzjoni internazzjonali ġewwa Malta. Magħdud ma' dan jgħid li huwa nfurmahom b'dan f'intervista li saritlu fit-8 ta' April, 2014. Barra minn hekk u fir-rigward tal-allegati akkużi li l-attur kien involut fi ċrieki kriminali, l-attur jgħid illi dawn l-allegazzjonijiet qatt ma ġew ikkonfermati mill-Aġenzija qabel ma ħadet l-imsemmija deċiżjoni fil-konfront tiegħu.

5. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, l-Aġenzija konvenuta ħadet deċiżjoni unilateralment u b'mod arbitrarju għall-aħħar. Magħdud ma' dan, l-attur jgħid ukoll illi: (i) l-proċess adoperat mill-Aġenzija kien superfiċjali u żbaljat, li wassal għal deċiżjoni leżiva għad-drittijiet fundamentali tiegħu, u (ii) l-Aġenzija pprovdiet lill-attur informazzjoni ħażina li wasslitu jippreżenta appell tardiv quddiem it-Tribunal kompetenti. Fid-dawl ta' dan, jgħid li sofra minn preġudizzju rrimedjabbli, li affettwa lilu u lil familtu.

6. Minħabba f'hekk, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ġiet irtirata il-protezzjoni sussidjarja tal-esponenti naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil u dan ai termini tal-* ***Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****;*
>
> *2. Tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha l-protezzjoni sussidjarja tal-esponenti ġiet irtirata;*
>
> *3. Tordna li l-esponenti għandu jerġa' jkun integrat fl-istatus ta'*

*protezzjoni sussidjarja li kien igawdi minnu qabel id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021;*

*U dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tqis xieraq u neċessarju.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.»*

7. L-Aġenzija konvenuta flimkien mal-Avukat tal-Istat ġew debitament notifikati bir-rikors maħluf fil-25 ta' April, 2022, u ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fil-5 ta' Mejju, 2022, fejn qajmu fost oħrajn, is-segwenti eċċezzjonijiet preliminari: (i) l-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur u fit-termini tal-**Artikolu 181B tal-Kap 12. tal-Liġijiet ta' Malta** għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, u (ii) l-azzjoni tal-attur ġiet ippreżentata *fuori termine* t-terminu ta' sitt (6) xhur kif stabbilit **f'Artikolu 469A (3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

8. B'sentenza preliminari mogħtija fis-26 ta' Jannar, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċediet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti fejn laqgħat l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet, u ddikjarat li l-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, u fi kwalunkwe każ l-azzjoni ppreżentata mill-attur hija *fuori termine* l-perjodu ta' sitt (6) xhur stabbilit mil-leġislatur **f'Artikolu 469A**.

9. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta' din is-sentenza huma dawn:

*«**Ikkunsidrat***

*8. Jirriżulta, mill-atti promoturi fil-pussess ta' dina l-Qorti, illi t-talba tar-rikorrenti hija sabiex jiġi dikjarat li d-deċiżjoni tal-Aġenzija meħuda fid-*

*9 ta' Ġunju 2021 tilledi l-prinċipji ta' ġustizzja naturali a termini tal-* ***Artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap 12*** *u sabiex, għalhekk, tħassar id-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2021.*

*9. Jirriżulta, għalhekk, illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-azzjoni odjerna hija waħda ta' Stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva, kif pprovdut fl-**Artikolu 469A tal-Kap 12**.*

*10. Jirriżulta wkoll illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija indirizzata sabiex tattakka d-deċiżjoni meħuda fid-9 ta' Ġunju 2021.*

*11. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi mill-atti jirriżulta li l-ittra tad-9 ta' Ġunju 2021 attwalment tgħarraf lir-rikorrent illi, abbażi ta' informazzjoni lilhom mogħtija:*

> *«These elements provide this Agency with serious reasons to reconsider the validity of your Subsidiary Protection Status. In this regard, please be informed that this Agency is considering withdrawing your Subsidiary Protection Status on the basis of Article 22(3)(a) of the International Protection Act when read in conjunction with Article 17(1)(b) and (d) of the same Act, and on the basis of Article 22(3)(b).*
>
> *In view of the above, you are being given the opportunity to make written submissions indicating why your Subsidiary Protection Status should not be withdrawn. Submissions need to be received within a period of two (2) working days from the date of receipt of this letter.»*

*12. Sussegwentement, filwaqt illi r-rikorrent ma pprovda ebda tip ta' dokument li turi li kkomunika mal-Aġenzija biex joġġezzjona għal tali indikazzjonijiet, l-Aġenzija ħadet deċiżjoni finali fit-12 ta' Lulju 2021, fejn għarrfitu illi:*

> *«In light of the above, the International Protection Agency has decided to revoke the Subsidiary Protection Status of Mr AMER Abdelrazek on the basis of Artikolu 22(3)(a) of the International Protection Act when readd in conjunction with Article 17(1)(b) of the same Act. **Hence, Mr AMER Abdelrazek's Subsidiary Protection Status is being offically withdrawn**.»*

*13. Jirriżulta, finalment, minn dokumentazzjoni ppreżentata ir-rikorent stess, ossija korrispondenza tal-konsulent legali tiegħu, illi huwa rċieva tali deċiżjoni fit-30 ta' Lulju 2021.*

*14. Jirriżulta, għalhekk, illi d-deċiżjoni finali li l-Qorti tifhem li r-rikorrent qiegħed jikkontesta hija attwalment dik tat-12 ta' Lulju 2021, liema deċiżjoni ġiet lilu kkomunikata, skond ir-rikorrent stess, fit-30 ta' Lulju 2021.*

*15. Jirriżulta illi r-rikorrent appella minn tali deċiżjoni fis-6 ta' Settembru 2021 quddiem lInternational Protection Appeals Tribunal,*

*liema Tribunal, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru 2021, ċaħad l-appell peress illi ma kienx intavolat entro ilperjodu ta' ħmistax-il ġurnata minn meta rċieva d-deċiżjoni, u dan kif stabbilit fl-* ***Artikolu 7 (2) tal-Kap 420****.*

*16. Jirriżulta, mill-atti, illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-14 ta' Marzu 2022.*

***Ikkunsidrat***

*17. Il-Qorti tosserva fost l-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati, hemm tnejn li ġew indirizzati sabiex il-Qorti tagħti deċiżjoni fuqhom:*

*a. Il-kwistjoni li l-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur;*

*b. Il-kwistjoni illi l-azzjoni odjerna hija perenta bit-trapass tas-sitt xhur.*

*18. Il-Qorti għalhekk ser tqis il-kwistjonijiet separatament.*

***L-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur.***

*19. Jirriżulta, mir-rikors promotur, illi l-azzjoni odjerna hija diretta biex tattakka l-aġir u deċiżjoni tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, w id-deċiżjon meħuda minna fid-9 ta' Ġunju u 12 ta' Lulju 2021.*

*20. Jirriżulta illi mhijex qed tiġi kkontestata d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelll għall-Protezzjoni Internazzjonali.*

*21. L-***Artikolu 181B (2) tal-Kap 12** *jipprovdi illi:*

> *«L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.»*

*22. Il-ħsieb tal-Liġi jidher illi huwa wieħed ċar – l-Avukat tal-Stat għandu jitħarrek BISS meta l-azzjoni ma tistax tinġieb direttament kontra l-entita li dwarha qed isir l-ilment, u jekk dana ma huwiex il-każ, l-azzjoni trid tiġi diretta lejn il-persuna u/jew entita' li dwarha qed isir l-ilment.*

*23. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-azzjoni odjerna setgħet, u difatti, hija diretta lejn entita' ossija l-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u hija BISS id-deċiżjoni tal-Aġenzija illi qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-azzjoni odjerna.*

*24. Għalhekk, ladarba r-rikorrent kellu entita' kontra min jintavola l-*

*azzjoni odjerna, kif di fatti għamel, ossija l-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, ma kien hemm ebda ħtieġa sabiex isejjaħ fil-ġudizzju wkoll l-Avukat tal-Istat għal xi entita' oħra li kontra tagħha ma tistax issir azzjoni diretta, bħalma setgħet tkun it-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali.*

*25. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat timmerita illi tiġi milqugħa.*

***L-azzjoni hija perenta***

*26. Jirriżulta, mill-atti illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-14 ta' Marzu 2022.*

*27. Jirriżulta wkoll illi d-deċiżjoni ikkontestata mir-rikorrent ġiet indikata, erronjament tikkontendi din il-Qorti, illi ngħatat fid-9 ta' Ġunju 2021, filwaqt li jirriżulta li d-deċiżjoni finali ta' tneħħija ta' Protezzjoni Sussidjarja ttieħdet fit-12 ta' Lulju 2020.*

*28. Jirriżulta illi r-rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata fit-30 ta' Lulju 2021, kif minnu stess ammess – vide fol 23.*

*29. Jirriżulta illi huwa intavola appell quddiem it-Tribunal fis-6 ta' Settembru 2021, liema appell ġie deċiż fl-14 ta' Settembru 2021 fejn ġie dikjarat illi kien appell 'fuori termine', peress illi ma kienx intavolat fi zmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija.*

*30. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta u 'fuori termine' stante illi ġiet intavolata 'l hinn mis-sitt xhur previsti fil-Liġi minn meta sar jaf bid-deċiżjoni.*

*31. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa fatt magħruf illi l-ewwel kellu jeżawrixxi r-rimedju kollha ordinarji lilu mogħtija qabel ma nieda tali proċeduri, u la darba r-rimedji ordinarji ġew eżawriti hekk kif it-Tribunal ċaħad l-appell tiegħu fl-14 ta' Settembru 2021, il-perjodu ta' trapass taż-żmien kellu jibda jgħodd minn dakinhar.*

*32. Jirriżulta, għalhekk, skond ir-rikorrenti, illi l-preżentata tal-kawża fl-14 ta' Marzu 2022 kien eżatt fit-terminu tas-sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.*

*Ikkunsidrat*

*33.* ***L-Artikolu 469A (3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili*** *jipprovdi illi:*

> *«Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew*

*seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.»*

*34. Ir-rikorrent jikkontendi illi dana il-perjodu ta' sitt xhur beda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-14 ta' Settembru 2021 filwaqt illi l-intimati jikkontendu illi tali perjodu kellu jibda jiddekorri minn dakinhar tad-deċiżjoni tal-Aġenzija fit-12 ta' Lulju 2021 jew, fl-agħar ipoteżi, minn dakinhar illi ġie notifikat bid-deċiżjoni fit-30 ta' Lulju 2021.*

*35. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent qed jipprova jikkontendi li l-perjodu ta' sitt xhur beda jgħodd minn dakinhar tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dana peress illi jikkontendi illi huwa għamel minn kollox biex jikkontesta tali deċiżjoni, u kien biex wara kwalsiasi tentattiv tiegħu falla, illi huwa rrikorra lill-Qorti.*

*36. Il-Qorti tirrileva illi kienet tkun disposta taċċetta u tabbraċċja tali teżi u argument, kienu verament ir-rikorrent kien qiegħed jipprova juża r-rimedji kollha tiegħu qabel ma ġie quddiem il-Qorti bl-azzjoni odjerna.*

*37. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, għalkemm ir-rikorrent kellu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija fi żmien ġimgħatejn minn meta rċieva d-deċiżjoni, ossija fit-30 ta' Lulju 2021, kif jiddikjara huwa stess, huwa intavola l-appell tiegħu madwar ħames ġimgħat wara illi huwa rċieva l-appell, ossija ben wara t-trapass tal-perjodu mogħti lilu biex jappella.*

*38. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola l-appell tiegħu fit-terminu ta' liġi lilu mogħti, tfisser illi huwa għażel illi jabdika milli jeżerċita' r-rimedji ordinarji tiegħu u ta' lok sabiex id-deċiżjoni tal-Aġenzija mogħtija fit-12 ta' Lulju 2021 u lilu komunikata fit-30 ta' Lulju 2021 titqies bħala finali.*

*39. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrent li t-terminu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dana minkejja illi, konxjament, intavola appell tardiv, dak ikun ifisser illi persuna kwalsiasi tkun tista' tappella minn deċiżjoni tal-Aġenzija, xhur jekk mhux snin wara u, hekk kif t-Tribunal jiċħad l-appell għax 'fuori termine', tali persuna tkun tista' sussegwentement tintavola azzjoni simili għal dik odjerna, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata tkun ilha illi ngħatat ferm aktar minn sitt xhur qabel ma ġew intavolati l-azzjoni ta' Stħarriġ Ġudizzjarju.*

*40. Ċertament, għalhekk, illi tali bażi ta' argumentazzjoni ma jistax jiġi aċċettat minn dina l-Qorti.*

*41. Ir-rikorrent kellu kull dritt illi jirrimedja għad-deċiżjoni lilu komunikata fit-30 ta' Lulju 2021, liema rimedju huwa naqas milli jagħmel użu minnha fi żmien ġimgħatejn kif trid il-Liġi, u għalhekk, la darba huwa naqas minnn dak, għandu jitqies illi huwa kien eżawrixxa r-rimedji ordinarji tiegħu wara t-trapass tal-ħmistax-il ġurnata fuq*

*imsemmija.*

*42. Tenut kont ta' tali fatti, u ikkunsidrat illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija ġiet komunikata lirrikorrent fit-30 ta' Lulju 2021, kif minnu stess ammess, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-fatt illi huwa intavola l-proċeduri odjerni fl-14 ta' Marzu 2022 ifisser illi huwa ntavolahom 'l hinn mill-perjodu preskrittiv ta' sitt xhur minn meta sar jaf.*

*43. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati timmerita illi tintlaqa' wkoll.»*

10. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors imressaq fil-20 ta' Frar, 2023, fejn qanqal aggravju wieħed, illi l-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti appellati għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi. Għalhekk, l-attur talab sabiex:

*«tirrevoka s-setenza appellata billi tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-appellati fl-intier tagħhom, filwaqt li tiddikjara li r-rikors intavolat mill-appellant ġie intavolat entro termine, tordna li l-atti tal-proċess għandhom jintbgħatu lura quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex dan ir-rikors ġuramentat ikompli jinstema' skont il-Liġi.»*

11. Il-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors tal-appell fit-22 ta' Frar, 2023, u l-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali wieġbet għalih b'risposta datata l-1 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza preliminari mogħtija mill-Ewwel Qorti tas-26 ta' Janar, 2023.

12. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Qabel ma jiġi kkunsidrat l-aggravju mqanqal, tajjeb li jiġi preċiżat x'inhu eżattament jippremetti u jitlob l-attur, għax kif inhuwa risaput, in-natura tal-azzjoni neċessarjament titnissel mill-kliem adoperati fir-rikors maħluf u t-talbiet dedotti fih.[1]

14. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti meta kkunsidrat li l-kawża ta' llum hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Madankollu, din il-Qorti tara opportun li tispeċifika illi dan l-istħarriġ ġudizzjarju huwa rigward għemil amministrattiv li allegatament imur kontra l-liġi u huwa *ultra vires* u mhux minħabba ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta.[2] Fid-dawl ta' dan, l-attur qiegħed jattakka l-aġir tal-Aġenzija konvenuta li fil-fehma tiegħu dan wassal għall-ksur tal-**Artikolu 469A sub-inċiż (1)(b)(ii)**. Madankollu, permezz tas-sentenza preliminari tagħha, l-Ewwel Qorti laqgħat l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati kif ġie spjegat qabel f'din is-sentenza.

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Nikol Borg v. Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Jannar, 2006.
[2] Dan minħabba l-fatt illi fit-trattazzjoni tal-partijiet kien hemm aċċenn mill-appellant illi l-ilmenti tiegħu jistgħu jitqiesu ukoll li jimpinġu fuq id-drittijiet kostituzzjonali.

15. Permezz tal-appell odjern, l-appellant ressaq aggravju wieħed u dan fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-kawża odjerna ġietx ippreżentata *fuori termine*, fejn jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi bil-konsegwenza li waslet għall-konklużjoni żbaljata dwar id-data meta l-attur seta' jiftaħ din il-kawża. Għalhekk, jiġi sottolinejat illi dan l-appell huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza li tiffoka dwar l-eċċezzjoni tat-tardività tal-azzjoni, filwaqt li dik il-parti tad-deċiżjoni dwar il-leġittimità tal-Avukat tal-Istat fil-proċeduri odjerni ma ġietx appellata u b'hekk ġiet aċċettata u tifforma ġudikat għall-partijiet.

16. Il-fatti b'mod kronoloġiku tal-każ odjern huma s-segwenti:

a. *Fit-30 ta' Lulju 2014*, permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar Refuġjati, l-attur ingħata l-i*status* ta' protezzjoni sussidjarja, u dan wara li huwa kien oriġinarjament applika għal tali *status* fis-26 ta' April, 2014;

b. *Fit-18 ta' Awwissu, 2014*, l-attur inħariġlu dokument uffiċjali tal-protezzjoni sussidjarja li kien validu sa Awwissu 2017, b'dana illi huwa seta' jġedded dan l-i*status* sat-13 ta' Awwissu, 2017, u fin-nuqqas li jagħmel dan, id-dokument kien jiskadi fis-27 ta' Awwissu 2017;

c. *<u>Fid-9 ta' Ġunju, 2021</u>*, l-attur irċieva ittra mingħand l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fejn infurmawh li kienu qegħdin jirrikonsidraw l-i*status* mogħti lilu minħabba kwistjonijet li ġew infurmati bihom mill-Pulizija Eżekuttiva ta' Malta, bil-konsegwenza li kien hemm il-possibilità li jirtiraw dan l-i*status* fit-termini tad-dispożizzjonijiet relevanti fil-**Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għal dan il-għan, l-attur ingħata jumejn ċans sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub;

d. *<u>Fil-15 u s-16 ta' Ġunju, 2021</u>*, l-attur ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub permezz ta' *email*;

e. *<u>Fit-12 ta' Lulju, 2021</u>*, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ħarġet id-deċiżjoni tagħha ta' *«Withdrawal of Subsidiary Protection Status»*, liema deċiżjoni ttieħdet fit-termini tal-**Artikolu 22(3)(a)** u **Artikolu 17(1)(b) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta**;

f. *<u>Fit-3 ta' Settembru, 2021</u>*, l-attur bagħat ittra ta' appell lit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali, liema ittra waslet lill-imsemmi Tribunal fis-6 ta' Settembru, 2021. F'din l-ittra ġie ddikjarat li l-attur irċieva d-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fit-30 ta' Lulju, 2021;

g. *<u>Fl-14 ta' Settembru 2021</u>*, it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali ddeċieda l-appell billi tenna illi: *«The Tribunal considers that this appeal was not filed within the time-limit established by law and therefore declares the appeal to be null and consequently dismisses the appeal»*;

h. *<u>Fl-14 ta' Marzu, 2022</u>*, l-attur ippreżenta l-kawża odjerna għal stħarriġ ġudizzjarju fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

17. Stabbilit il-premess, jirriżulta illi:

a. L-attur jikkontendi illi huwa kellu bilfors jippreżenta l-kawża odjerna wara li rċieva d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali, għaliex ir-rimedju tiegħu skont il-liġi speċjali u l-azzjoni odjerna ma setgħux isiru paralleli għal xulxin. Għalhekk it-terminu ta' sitt (6) xhur li fih huwa seta' jippreżenta l-azzjoni odjerna u dan fit-termini tal-**Artikolu 469A (3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** beda jimxi mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli in kwistjoni, ċjoè mill-14 ta' Settembru, 2021, bil-konsegwenza li kellu sal-14 ta' Marzu, 2022 sabiex jibda l-azzjoni tiegħu. Fi kwalunkwe każ, l-attur jgħid li dan is-sub-artikolu jrid jinqara kontestwalment mal-**Artikolu 469A (4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

b. L-Aġenzija konvenuta rribattiet illi l-attur qiegħed jitlob li jistħarreġ id-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, ċjoè tat-12 ta' Lulju, 2021, u mhux id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali tal-14 ta' Settembru, 2021, u għalhekk tisħaq illi *«l-fatt li persuna għandha jew ma għandhiex l-ewwel tissokta bir-rimedju ordinarju qabel ma tintavola azzjoni ta' stħarriġ hija kontestazzjoni li hija superfluwa fiċ-ċirkostanzi*[3]», bil-konsegwenza li t-terminu ta' sitt (6) xhur għandu jibda jimxi mid-data meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija jew l-aktar l-aktar minn meta l-attur sar jaf b'din id-deċiżjoni fit-30 ta' Lulju, 2021;

c. L-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha laqgħat l-eċċezzjoni tal-Aġenzija konvenuta, u saħqet illi:

> *«36. Il-Qorti tirrileva illi kienet tkun disposta taċċetta u tabbraċċja tali teżi u argument, <u>kienu verament ir-rikorrent kien qiegħed jipprova juża r-rimedji kollha tiegħu qabel ma ġie quddiem il-Qorti bl-azzjoni odjerna</u>.*
>
> *(…)*
>
> *38. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi <u>n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola l-appell tiegħu fit-terminu ta' liġi lilu mogħti, tfisser illi huwa għażel illi jabdika milli jeżerċita' r-rimedji ordinarji tiegħu</u> u ta' lok sabiex id-deċiżjoni tal-Aġenzija mogħtija fit-12 ta' Lulju 2021 u lilu komunikata fit-30 ta' Lulju 2021 titqies bħala finali.*
>
> *39. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrent li t-terminu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dana minkejja illi, konxjament, intavola appell tardiv, dak ikun ifisser illi persuna kwalsiasi tkun tista' tappella minn deċiżjoni tal-Aġenzija, xhur jekk mhux snin wara u, hekk kif t-Tribunal jiċħad l-appell għax 'fuori*

[3] Ara paġna numru 3 tar-risposta tal-appell tal-Aġenzija appellata, paragrafu numru 10.

*termine', tali persuna tkun tista' sussegwentement tintavola azzjoni simili għal dik odjerna, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata tkun ilha illi ngħatat ferm aktar minn sitt xhur qabel ma ġew intavolati l-azzjoni ta' Stħarriġ Ġudizzjarju.»* (sottolinejar ta' din il-Qorti).

18. Għalhekk jirriżulta li l-ilment tal-appellant f'dan l-appell jiffoka dwar il-fatt illi għalkemm l-eċċezzjoni tal-Aġenzija konvenuta hija sewwa sew ibbażata fuq **Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijet tagħha u l-applikazzjoni tal-liġi għall-każ in eżami kellha fl-istess waqt tagħmel referenza għall-**Artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta Malta**, għaliex skontu *«dan is-subartikolu jrid jinqara b'mod konġunt mal-provvedimenti tal-Artikolu 469A(4), li jqajjem punt importanti ta' proċedura li wkoll ġie trattat b'mod konsiderevoli mill-Qrati nostrani fil-ġurisprudenza tagħhom.*[4]»

19. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa ż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, mertu tal-appell in eżami.

20. Il-Qorti tara illi b'mod ġenerali, għemil amministrattiv, jista' jiġi attakkat taħt paragrafu (a) tal-**Artikolu 469A (1)** fuq ksur tal-Kostituzzjoni, jew taħt paragrafu (b) tal-istess artikolu fuq għemil *ultra vires*. Fil-każ tal-lum, l-attur fittex li jwaqqa' l-għemil taħt paragrafu (b), billi fir-rikors maħluf tiegħu ddikjara b'mod ċar illi l-għemil tal-konvenuti, *qua* appellati,

[4] Ara paġna 7 tar-rikors tal-Appell tal-attur appellant, paragrafu numru 24.

jikkostitwixxi ksur tal-**Artikolu 469A(1)(b)(ii)**. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li t-talba tal-attur hija waħda li tintlaqat bl-**Artikolu 469A (3)**, li jgħid:

> *«Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.»*

21. Din il-Qorti ttenni illi l-perjodu stipulat f'**Artikolu 469A (3)** huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, u għalhekk iż-żmien biex tinfetaħ il-kawża ma jistax jiġġedded, iżda għandu jitqies bħala wieħed perentorju u ta' ordni pubbliku. Kif ribadit fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit***[5]:

> *«quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza.»*

22. Għalhekk, fit-termini stretti ta' dan l-artikolu appena ċitat, wieħed jeħtieġlu li jippreżenta l-azzjoni tiegħu fi żmien sitt (6) xhur minn meta sar jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil amministrattiv, skont liema minnhom javvera ruħu l-ewwel. Dan ġie kkonfermat fis-sentenzi fl-ismijiet ***Carmel Curmi v. Saviour sive Sammy Spiteri et***[6], ***Godfrey Scicluna v. Il-Prim Ministru et***.[7], u ***Marisa Bonanno v. L-Universita' Malta***[8].

---

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Jannar, 1920 (Vol. XXIV pI p276).
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta' Marzu 2023.
[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Marzu, 2020.
[8] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fid-9 ta' Diċembru, 2015.

23. Barra minn hekk, **Artikolu 469A (4)**, jgħid:

> *«Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi liġi oħra.»*

Jingħad illi dan is-sub-artikolu huwa ċar u ma jagħti l-ebda lok għal miżinterpretazzjoni, hekk kif jagħti funzjoni residwali lill-**Artikolu 469A** meta jgħid li dan l-artikolu tal-liġi japplika biss fejn il-persuna aggravata, biex tikseb rimedju għall-ilment tagħha dwar xi att amministrattiv, ma jkollhiex triq oħra ħlief li tirrikorri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. [9] Għalhekk, dan l-artikolu jista' jiġi deskritt bħala *«limitazzjoni (li) tikkostitwixxi eccezzjoni għar-regola ġenerali tal-Artikolu 469A li bih il-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrgu atti ta' għemil amministrattiv,*[10]*»* fis-sens illi din hija eċċezzjoni fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati ġaladarba l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew tribunal partikolari huwa pprovdut f'liġi speċjali.[11] L-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri lejh bla raguni tajba.[12]

---

[9] **Garden of Eden Garage Limited (C-17528) v. Awtorità; għat-Trasport f'Malta**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Ġunju, 2015.
[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet James Calleja et v. Awtorità tal-Ippjanar, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Marzu, 2002, (mhux appellata).
[11] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Fish & Fish Limited et. v. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-26 ta' Settembru, 2009.
[12] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauci et**., deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-6 ta' Mejju, 1998, (ii) **Kunsill Lokali Msarsakala et v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fid-29 ta' Novembru, 2012

24. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Palm Shipping Agency Limited (C-9712) v. Korporazzjoni Enemalta***,[13] ġie kkonfermat illi:

> *«28. Kif imtenni fil-ġurisprudenza, dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha (ara* ***Angelo Said v. Chairman Planning Authority,*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008, u* ***Gaetano Cutajar et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ et,*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2020). Jekk jinstab li din l-eċċezzjoni hija fejjieda, allura l-Qorti jkollha tieqaf milli tkompli tqis dik il-kawża. Dan għaliex l-eżistenza ta' rimedju taħt liġi oħra joqtol għalkollox l-azzjoni taħt l-Artikolu 469A.*
>
> *(…)*
>
> *33. Il-ħtieġa li ma jkunx jeżisti rimedju ieħor taħt liġi oħra biex jattakka dak l-għemil amministrattiv huwa element essenzjali li l-liġi trid li għandu jitħares, biex wieħed ikun jista' jissokta b'azzjoni taħt l-***Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili***. U billi l-assenza ta' rimedji legali oħra fil-liġi huwa wieħed mill-elementi tal-azzjoni taħt l-***Artikolu 469A*** *li hemm bżonn illi jintwera, allura l-Qorti hija meħtieġa li tqis jekk dan l-element jinsabx sodisfatt, kemm jekk dan il-punt ikun tqajjem b'eċċezzjoni formali mill-konvenut, kif ukoll jekk dan il-punt ma jkunx ġie mqajjem mill-konvenut.»*

25. Madankollu, m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għemil amministrativ li minnu tilmenta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju.[14] Irid jintwera wkoll li l-

(mhux appellata), (iii) Avukat Dr Ivan Sammut v. Kunsill Lokali Żejtun et, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Ottubru, 2019 (mhux appellata).

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fil-15 ta' Ġunju, 2023.

[14] Ara s-sentenzi fl-ismijiet: (i) **Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauci et**., deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-6 ta' Mejju, 1998, (ii) **Cauchi v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar** (Kollez. Vol: LXXXV.ii.943), deċiża mil-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Ottubru, 2001, u (iii) **Avukat Dr Ivan Sammut v. Kunsill Lokali Żejtun et**, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Ottubru, 2019 (mhux appellata).

persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A.[15]

26. Fi kwalunkwe każ, dawn iż-żewġ rimedji ma jistgħux jimxu parallelli għal xulxin, iżda jiġi mfakkar illi:

> *«In Maltese law, one may not resort to judicial review of administrative action ignoring a right of appeal, where this is granted by law. On the other hand, it is to be underlined that the right of appeal only limitedly excludes the possibility of judicial review. The Courts enjoy an inherent power to determine whether an action is lawful or not.[16] This power of review may have been somewhat curbed by article 469A(4), but it was not extinguished; most laws granting a right of appeal to a tribunal will grant a further appeal on a point of law thus granting the Courts of Justice a final say in such matters; and in all cases, having exhausted the appeal, a person who still feels aggrieved may seek a review of the ruling of the appeals body under the Courts' general powers as conferred by article 32(2) COCP.[17]»*

27. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tasal tara illi fil-każ odjern huwa fatt magħruf li hemm liġi speċjali li tirregola l-każ, eżattament l-**Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta)**, li fost oħrajn, ħolqot proċeduri *ad hoc* biex wieħed ikun jista' appożitament jikkontesta xi deċiżjoni u/jew xi għemil amministrattiv tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali li bihom iħossu aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment għat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali, bħala tribunal indipendenti, imwaqqaf bis-saħħa tal-**Artikolu 5 tal-**

[15] **Avukat Dr Ivan Sammut v. Kunsill Lokali Żejtun et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-31 ta' Ottubru, 2019 (mhux appellata).
[16] Wade & Forsyth, op. cit., p. 29.
[17] Judicial Review of Adminstrative Action in Malta: An Examination of Article 469A COCP and of Judicial Review in General, Dr Ivan Mifsud (l-ewwel edizzjoni, 2017), paġna numru 91.

**imsemmi Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan it-Tribunal ingħata, fost oħrajn, l-ġurisdizzjoni speċifika li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, fejn l-appell għandu jsir għal eżami sħiħ u *ex nunc* fuq fatti u punti ta' liġi kontra deċiżjonijiet: (i) meħuda dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, (ii) ta' rifjut li jerġa' jsir eżami ta' applikazzjoni, u (iii) tal-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali.[18] L-istess artikolu jipprovdi li l-appelli jridu jsiru fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni in kwistjoni,[19] u minkejja id-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, u bla preġudizzju għall-**Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**, id-deċiżjoni tat-Tribunal tkun finali u konkluživa u ma tistax tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, ħlief taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 7A tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta**.[20]

28. Mill-atti jirriżulta illi l-appellant kien jaf bir-rimedji li kellu disponibbli, tant li jikkonferma u jipprova li huwa ressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali. Madankollu, jirriżulta illi dan l-appell ġie ppreżentat tardivament, u dan kif ikkonferma t-Tribunal tal-Appelli stess fid-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru, 2021, hekk kif tenna ukoll li l-appell tal-attur appellant huwa null. In-nullità ta'

[18] Artikolu 7(1A) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta.
[19] Artikolu 7(2) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta.
[20] Artikolu 7(10) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

proċeduri, hija sanzjoni eċċezzjonali, imputabbli għal difett fil-forma li ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[21] Minħabba f'hekk, in-nullità tal-appell kif iddikjarata mit-Tribunal tal-Appelli, ġab l-istess appell fix-xejn u bla effett, daqslikieku qatt ma sar mill-appellant.

29. Fid-dawl tal-premess u qabel ma' din il-Qorti tidħol fil-kwistjoni jekk l-Ewwel Qorti interpretatx u applikatx il-liġi b'mod korrett, hija tinnota kwistjoni li jidher li ġiet injorata għal kollox kemm mill-Aġenzija konvenuta kif ukoll mill-Ewwel Qorti, u li għal kull *buon fini* hija tal-fehma li għandha tiġi sottolinejata. Din il-kwistjoni hija jekk: *«L-attur appellant eżawriex ir-rimedji kollha disponibbli għalih qabel ma ppreżenta l-azzjoni odjerna? Jekk l-Ewwel Qorti kellhiex l-ġurisdizzjoni u l-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi l-kawża ppreżentata mill-attur?»*

30. Għalkemm l-Aġenzija konvenuta baqgħat siekta fuq dan il-punt, l-Ewwel Qorti jidher li kienet tal-fehma li l-attur ma ppruvax jutilizza r-rimedji kollha tiegħu qabel ma ppreżenta l-kawża in eżami peress li huwa ppreżenta wara ż-żmien l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali quddiem it-Tribunal għall-Appelli. Kieku dan

[21] **Kunsill Lokali Kirkop v. L-Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-3 ta' Lulju, 2022, (mhux appellata).

ma kienx il-każ, skont l-Ewwel Qorti, hija kienet tasal illi taċċetta l-argument tal-attur.

31. Fis-sentenza ***Kunsill Lokali Marsaskala et v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et.***,[22] ġie deċiż illi l-insenjament tal-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-istħarriġ ġudizzjarju kellu japplika fir-rigward ta' persuna li tagħżel li ma tappellax minn deċiżjoni partikolari skont il-liġi speċjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sitwazzjoni odjerna tekwivali għal dik imsemmija, għaliex l-għażla tal-attur appellant li jippreżenta l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal tal-Appelli tardivament bil-konsegwenza li ġie dikjarat null, tfisser daqslikieku l-attur ma appellax mid-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali.

32. Għalhekk, din il-Qorti tara illi fil-każ odjern kien hemm lok illi titqajjem l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni speċjalment meta l-Ewwel Qorti stess kienet tal-fehma illi ma hijiex konvinta li l-attur ma eżawrixxiex ir-rimedji kollha li kellu disponibbli! Jingħad illi l-kwistjoni tal-inkompetenza tista' tiġi mqanqla mill-konvenut/i, jew, fit-termini tal-**Artikolu 774 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, *ex officio* mill-Qorti. Madankollu, meta din l-eċċezzjoni titqanqal minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa, din tista' titqajjem *ex officio* mill-Ewwel Qorti biss. Madankollu, dan ma sarx fil-każ in eżami. Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ma tistax issa

[22] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fid-29 ta' Novembru, 2012, mhux appellata.

titqajjem fil-kors suċċessiv tal-proċeduri, speċjalment f'Qorti fi grad ta' appell, lanqas *ex officio*.[23]

33. Fid-dawl tal-premess billi din il-kwistjoni ma ġietx imqanqla u deċiża mill-Ewwel Qorti, f'dan l-istadju din il-Qorti ma għandhiex għażla ħlief li tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-każ kif imressaq quddiemha.

34. Wara li rat il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti tara li r-raġunament kien wieħed tajjeb u l-liġi ġiet applikata b'mod korrett. L-attur jisħaq illi l-Ewwel Qorti kellha tapplika flimkien ma' **Artikolu 469A (3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**, **is-sub-artikolu (4)** tal-istess artikolu. Mill-atti ma huwiex ċar għal din il-Qorti kif l-attur għaqqad u waħħad dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi flimkien. Jirriżulta, b'mod kontradittorju għall-aħħar, illi skont l-attur b'applikazzjoni tal-**Artikolu 469A (4) tal-Kap. 12**, id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess artikolu ma għandhomx japplikaw meta hemm rimedju ieħor permezz ta' liġi speċjali, biex imbagħad fl-istess nifs ikompli jispjega illi t-terminu ta' sitt (6) xhur li matulhom għandha tinbeda kawża ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv kif imniżżel **f'Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12**, għandu japplika mid-data tal-aħħar deċiżjoni tar-rimedju speċjali. Għalhekk jidher ċar li ma huwiex ċar f'moħħ l-attur x'ried

[23] Ara s-sentenza **Adelina Sant v. Emanuel Caruana**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-10 ta' Jannar, 2007.

ifisser il-leġiżlatur meta daħħal fis-seħħ **sub-Artikolu 4 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12**.

35. Din il-Qorti tispjega mill-ġdid illi dawn iż-żewġ sub-artikoli ma humiex intiżi li jinqraw flimkien. Ebda wieħed minnhom ma huwa sub-ordinat għall-ieħor. Meta tiġi ppreżentata azzjoni għall-stħarriġ ta' għemil amministrattiv, fl-ewwel lok wieħed irid jara jekk dik il-Qorti għandhiex kompetenza (**Artikolu 469A (4) tal-Kap. 12**) billi jiġi eżaminat jekk ir-rimedji kollha disponibbli ġewx utilizzati, bil-konsegwenza illi: (i) f'każ li le, għandha tiġi mqajma, trattata u deċiża l-kwistjoni tal-kompetenza, iżda (ii) f'każ li iva, u tenut kont li l-istħarriġ tal-għemil amministrattiv ikun wieħed li allegatament imur kontra l-liġi u huwa *ultra vires* u mhux minħabba ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, wieħed għandu jara jekk l-azzjoni saritx fi żmien sitt (6) xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil amministrattiv <u>definittiv</u>, skont liema minnhom tavvera ruħha l-ewwel (**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**).

36. Għalhekk din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni tal-**Artikolu 469A (4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** fil-kuntest meta wieħed jevalwa minn meta jibda jimxi l-perjodu ta' sitt (6) xhur għall-preżentata tal-azzjoni fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. *Se mai* l-Ewwel Qorti kellha tieħu konsiderazzjoni ta' dak l-artikolu tal-liġi sabiex tqajjem *ex officio* l-

eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha f'din il-kawża, xi ħaġa li ma għamlitx. Fin-nuqqas ta' dan, tajjeb jew ħażin, l-Ewwel Qorti kellha biss tapplika l-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12**, u dan kif sewwa sew hija għamlet.

37. Din il-Qorti taqbel illi l-Ewwel Qorti applikat **sub-artikolu 3 tal-Artikolu 469A** b'mod korrett. Jibda biex jingħad illi ma hemm l-ebda dubju illi l-attur appellant ressaq l-azzjoni tiegħu fuq id-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tat-12 ta' Lulju, 2021 (erronjament indikata fir-rikors maħluf deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju, 2021 – id-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju, 2021, kienet ittra fejn l-attur ġie nfurmat b'dak li kien beħsiebha tagħmel l-Aġenzija bil-konsegwenza li tagħtu ċ-ċans li jipprovdi s-sottomissjonijiet tiegħu fi żmien jumejn mid-data tan-notifika). Għalhekk din il-Qorti ma tarax li jagħmel sens ir-raġunament tal-attur illi qed jattakka d-deċiżjoni tal-Aġenzija tat-12 ta' Lulju, 2021, iżda jieħu in konsiderazzjoni tad-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli, ċjoè l-14 ta' Settembru, 2021, b'dana illi skontu t-terminu ta' sitt (6) xhur beda mixi minn tali ġurnata.

38. Jekk xejn, id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli la tikkonferma u lanqas tiċħad it-talba tal-attur, għaliex l-appell ġie ddikjarat null u bla effett. Kieku l-appell li ppreżenta l-attur quddiem it-Tribunal tal-Appelli skont Kap. 420, kien wieħed li ta eżitu ta' suċċess *o meno* dwar id-deċiżjoni appellata tat-12 ta' Lulju, 2021, il-perjodu ta' sitt (6) xhur sabiex

tiġi ppreżentata azzjoni fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, kien jibda jiddekorri minn tali deċiżjoni, peress li tali deċiżjoni kienet tkun definittiva, akkwistata mir-rimedji *ad hoc* skont il-liġi speċjali. Però fil-każ odjern, dan ma kienx il-każ. L-attur appellant ma jistax jippretendi li dan għandu japplika ukoll f'każ li appell fit-termini ta' liġi speċjali jkun wieħed null. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, kieku l-argument tal-attur jiġi aċċettat, il-Qorti tkun qed tagħti lok għal abbuż tas-sistema' ġudizzjarja.

39. B'hekk, fiċ-ċirkostanzi li fit-termini tal-**Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, it-terminu ta' sitt (6) xhur beda jiddekorri mit-30 ta' Lulju, 2021, ċjoè mid-data li huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenżija, kif ikkorroborat permezz ta' dokument ippreżentat mill-Aġenzja appellata bl-isem ta' *«Confirmation of Decision Notificaion.*[24]*»* Għalhekk l-attur kellu sat-30 ta' Jannar, 2022, sabiex jippreżenta l-azzjoni tiegħu mentri hu ppreżentha fl-14 ta' Marzu 2022.

40. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi korretta, u ċjoè li l-azzjoni tal-attur ġiet preżentata *fuori termine*.

41. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib l-aggravju mhux ġustifikat u għalhekk sejra tiċħdu.

[24] Fol. 47.

**Deċide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell imressaq mill-attur Amer Abdelrazek, u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da